**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 69**
**It-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**NURSERIES TAL-FUTBOL F'GĦAWDEX - INVESTIMENT**

**3926. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment sar fin-nurseries tal-klabbs tal-football f'Għawdex?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3925.

Seduta 69
12/12/2022

**KUNSILI LOKALI – NEFQA FUQ TINDIF TAL-BAJJIET U XTUT**

**3927. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa ta' kull kunsill lokali f'dawn l-aħħar ħames snin għat-tindif tal-bajjiet/xtut u jekk ix-xogħol huwiex isir minn ħaddiema tal-Gvern jew kuntrattur privat?

14/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li kienu l-Kunsilli Lokali tal-Isla u ta' Tas-Sliema li wettqu xogħlijiet ta' tindif ta' bajjiet u xtut fil-perjodu indikat mill-Onor. Interpellant u dan bi spejjeż tal-istess Kunsilli Lokali.

Infurmat li l-Kunsill Lokali tal-Isla wettaq xogħlijiet ta' tindif ta' bajjiet u xtut permezz ta' Kuntrattur privat matul is-sena 2019 li kienu jammontaw għal €1,400, filwaqt illi l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema wettaq xogħlijiet ta' tindif ta' bajjiet u xtut permezz ta' kuntrattur privat matul l-2021 li kienu jammontaw għal €6,490.

Seduta 69
12/12/2022

**GĦAWDEX – TAQSIMA TAL-KULTURA - STAFF**

**3928. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm staff fit-taqsima tal-kultura li huma responsabbli għal Għawdex?

14/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 69
12/12/2022

**MOSTA U Ħ'ATTARD – PROĠETTI TA' KULTURA**

**3929. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti ta' kultura hemm ippjanati għas-sena d-dieħla fil-lokalitajiet tal-Mosta u Ħ'Attard?

14/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Kunsill Lokali | Lista ta' Proġetti Kulturali |
|---|---|
| **Ħ'Attard** | 1. Ġieħ Ħ'Attard u Jum il-Lokalità mqassmin fuq ġurnata fis-26 ta' Marzu 2023 b'attivitajiet varji<br>2. Iffjurit bil-Ward Infewwaħ fit-13 ta' Mejju 2023 attivita' mqassma wkoll fuq ġurnata b'divertiment pubbliku fejn se jkun hemm ikel, xorb u stalls differenti.<br>3. Mhux eskluż li jistgħu jsiru wkoll xi ħarġiet kulturali. |
| **Mosta** | 1. Ippjanat li jsir simpozju dwar il-Kultura u l-Wirt Kulturali fil-Mosta<br>2. Ippjanat li jerġa' jittella' l-Karnival fil-Mosta.<br>3. Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa hu ppjanat li jittellgħu wirjiet relatati ma' dawn iż-żminijiet.<br>4. Ippjanat li jkun ippublikat Direttorju Kulturali ta' Artisti u Għaqdiet fil-Mosta.<br>5. Ippjanat li nsostnu ġemellaġġ ma' Ragusa permezz tal-Kultura tal-Festi f'pajjiżna.<br>6. Ippjanat li jkun organizzat għal darb'oħra l-Festival Qargħasel.<br>7. Ippjanat li jkunu organizzati Heritage Trails fil-Mosta.<br>8. Matul is-sena d-dieħla ser ikun qieghed ikompli għaddej ix-xogħol ta' restawr fil-faċċata tal-Oratorju Qalb ta' Ġesu. |

Seduta 69
12/12/2022

**SANTA VENERA - TISWIJIET FI TRIQ IL-KBIRA**

**3930. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet dwar meta se tissewwa Triq il-Kbira San Ġużepp Santa Venera fejn il-loġoġ?

14/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xogħol f'din it-triq beda l-ġimgħa li għaddiet, b'investiment ta' €4 miljun. Ix-xogħol ippjanat jinkludi t-tqegħid ta' erba kilometri ta' servizzi, flimkien ma' mogħdijiet ġodda, tisbiħ taż-żona u sistema tal-irrigazzjoni.

Seduta 69
12/12/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3931. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li karozza tal-elettriku waħda hemm leased fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta 69
12/12/2022

**MGA - MIŻURI GĦAL XOGĦOL MA' OPERATURI OĦRA**

**4187. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri hemm biex meta membru tal-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (MGA) jew CEO tagħha jiġi fit-tmien il-ħatra tiegħu, għal żmien raġonevoli dan ma jkunx jista' jagħmel xi xogħol taħt forma ta' konsulenza jew mod ieħor ma' xi operatur li l-MGA tirregola l-operat tiegħu?

21/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-kuntratt ta' Kap Eżekuttiv tal-MGA għandu proviżżjonijiet relatati mat-tmiem tal-impjieg skont Direttiva Numru 14 maħruga mis-Segretarju Permanenti Ewlieni bl-isem, *"Governing Framework for the Management of the Revolving Door Policy for Public Employees".* Il-membri tal-bord tal-Awtorità għandhom rwol mhux ezekuttiv u għaldaqstant m'għandhom l-ebda restrizzjoni ta' dan it-tip.

Seduta 69
12/12/2022

**MGA, MCA U MDIA - ĦADDIEMA LI TELQU**

**4329. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3687, bi "grad professjonali" li qed jintalab huwa li l-Ministru jgħid kemm persuni li jeżerċitaw xi professjoni bħalma hi dik ta' avukat, perit, inġinier, eċċ., telqu mill-entitajiet diġà elenkati?

22/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant li mill-Awtorità tà Malta għall-komunikazzjoni telqu żewġ persuni bi grad professjonali, filwaqt li mill-Awtorità tà Malta għall-logħob telqu tlett persuni bi grad professjonali fil-perjodu indikat

Seduta 69
12/12/2022

**GĦAWDEX – ĦADDIEMA TAD-DWANA**

**4365. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena mis-sena 2010 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm ħaddiema tad-Dwana jaħdmu fl-uffiċċju ta' Għawdex u xi grad huma dawn il-ħaddiema? Jista' jgħid fejn fil-preżent jinsab dan l-uffiċċju u jagħti l-indirizz tiegħu u l-ħinijiet tal-ftuħ tiegħu u x'servizzi jingħataw minn dan l-uffiċċju?

23/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – POST TA' FOREMAN**

**4366. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3723 kollha kemm hi (intera) u b'referenza għas-sejħa HR/MG No. 5/2022 - Post ta' Foreman fil-Ministeru għal Għawdex jgħid:

a. kemm kien hemm persuni li applikaw għal din is-sejħa u kemm minnhom għaddew;
b. għal kull wieħed u waħda, kemm kien ilhom impjegati mal-Gvern u f'liema xahar u sena ġew impjegati; u
ċ, xi grad u skala kienu u kemm kien ilhom, fid-data meta applikaw għal din is-sejħa?

23/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lilk-Onor. Interpellant li kif diġà weġibtu r-riżultati jkunu ppubblikati fuq in-notice board tal-Ministeru.

Kull post ikollha l-kriterji skont ir-regolamenti taċ-Ċivil u l-Ministeru marbut u hekk għandu jkun, li jimxi magħhom.

Seduta 69
12/12/2022

**KIRI TA' BINJIET ĠODDA**

**4367. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3721, jista' l-Ministru jgħid fejn jinsabu dawn it-12-il binja ġodda (triq u raħal) mikrija mill-privat matul is-sena 2021 u 2022 u fiex jikkonsistu dawn il-binjiet? Jista' jgħid b'liema mod inkrew dawn it-12-il binja ġodda mikrija mill-privat? Meta u fejn ħarġet is-sejħa biex jinkrew dawn it-12-il binja u x' kera qed titħallas għal kull wieħed minn dawn it-12-il post? Jista' jgħid ukoll għal liema skop inkriet binja mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi peress li fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3721 ma ngħatatx ir-raġuni?

23/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**GĦAWDEX - VOT GĦALL-QASAM KULTURALI**

**4368. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3689 fl-intier tagħha u b' mod partikolari jgħid x'vot hemm għas-sena 2023 għall-Qasam Kulturali f'Għawdex?

23/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-estimi tal-budget li ngħata kopja tagħhom u tpoġġew ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 69
12/12/2022

**SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – RAPPORTI TA' STORBJU EĊĊESSIV**

**4387. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3851, jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu u fejn waslu, dwar ir-rapporti ta' storbju eċċessiv ġewwa San Ġiljan u Tas-Sliema?

24/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar it-tweġiba għall-mistoqsija Parlamentari 3851, fejn il-pulzija sabet jew kellha evidenza biżżejjed biex tipproċedi l-Qorti wara li investigat ir-rapporti ta' storbju eċċessiv ġewwa San Ġiljan u Tas-Sliema, dan għamlitu. Rigward San Ġiljan minn mija u sitta u sittin rapport, kien hemm disa' u tletin każ fejn persuni responsabbli ġew imressqa l-Qorti u minnhom tlettax-il każ ġie deċiż, filwaqt li f'sitta u għoxrin każ ieħor il-proċeduri għadhom għaddejja. Rigward tas-Sliema kien hemm tmienja u tletin rapport ta' storbju eċċessiv u f'seba' każijiet minnhom il-persuni responsabbli tressqu l-Qorti. Minn dawn tlett każijiet ġew deċiżi, fi tlett każijiet il-proċeduri għadhom għaddejjin u f'każ wieħed il-persuna kkonċernata għad trid titressaq.

Seduta 69

12/12/2022

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PROPRJETAJIET BIEX JIĠU SKEDATI**

**4388. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3853, jista' l-Ministru jwieġeb id-domandi mitluba, u jagħti lista sħiħa ta' propretajiet ta'valur arkitettoniku u/jew storiku u jagħti d-data ta' kull applikazzjoni li għadha pendenti?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta diġà mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3853.

Seduta 69
12/12/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZO VINCENTI – PROĊESS TA' SKEDAR**

**4389. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fejn wasal il-proċess ta' skedar tal-Palazzo Vinċenti f'San Ġiljan fid-dawl li dan kien skedat biss għal sena?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni fuq il-Palazzino Vinċenti f'San Ġiljan li kif ġie msemmi dalwaqt tiskadi, ser tkun qed tintalab biex tiġi estiża minħabba l-fatt li l-proċess formali ta' skedar għadu għaddej.

Seduta 69
12/12/2022

**SAN ĠILJAN – XATT IS-SAJJIEDA – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI**

**4390. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3854, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid meta se jibda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-moll f'Xatt is-Sajjieda, San Ġiljan?

24/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 69
12/12/2022

**SAN ĠILJAN – XATT IS-SAJJIEDA – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI**

**4391. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3854, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-

Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid meta se jibda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-moll f'Xatt is-Sajjieda, San Ġiljan?

24/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li xogħol ta' manutenzjoni fuq dan il-moll diġa sar is-sajf li għadda.

Seduta 69
12/12/2022

**APPLIKAZZJONIJIET TA' SANCTIONING**

**4392. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3855, jista' l-Ministru jagħti lista ta' bini illegali li ġie sanctioned? Jista' jagħti lista ta' x'kienu dawn l-illegalitajiet?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindika għal liema perjodu qed jagħmel referenza.

Seduta 69
12/12/2022

**ĦAL GĦAXAQ – BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**4463. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni residenti Ħal Għaxaq qed jibbenefikaw minn xi forma ta' pensjoni u jistax jindika s-sess tal-istess?

25/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 69
12/12/2022

**BIRGU – BINI LI QABEL KIEN OKKUPAT MILL-CASINO DI VENEZIA**

**4464. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2281, jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu l-proċeduri sabiex il-Casino Di Venezia u l-Hotel adjaċenti jinħarġu għall-offerti, dejjem jekk dik hija l-linja li se tiġi meħuda?

25/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern għadu fl-istadju li jikkunsidra l-aħjar mod ta' kif jiddisponi minn dawn il-propjetajiet fl-aħjar interess ta' kulħadd.
Seduta 69
12/12/2022

**ĊENTRU TAL-ARBITRAĠĠ – REĠISTRAZZJONI TA' ARBITRAĠĠI VOLONTARJI**

**4465. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid ġew reġistrati arbitraġġi volontarji u ai termini tal-liġi fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ matul din is-sena u kemm minnhom għadhom pendenti?

25/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena sat-28 ta' Novembru 2022, fiċ-Ċentru ġew ippreżentati 23 każ ta' arbitraġġ volontarju, li minnhom 21 għadhom pendenti. Fl-istess perjodu, ġew ippreżentati 189 każ ta' arbitraġġ mandatorju, li minnhom 132 għadhom pendenti.

Seduta 69
12/12/2022

**ĊENTRU TAL-ARBITRAĠĠ – REĠISTRAZZJONI TA' ARBITRAĠĠI**

**4466. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati arbitraġġi fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ mill-bidu tiegħu u jindika kemm minnhom għadhom pendenti, kemm ġew deċiżi u kemm irtirati?

25/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor.Interpellant li minn Marzu tas-sena 2000, meta beda jopera ċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ, sat-28 ta' Novembru 2022, 6,567 każ ġie pprezentat fiċ-Ċentru. Minn dawn il-kazijiet, 557 għadhom pendenti, 1,392 ġew irtirati u 4,618 ġew deċiżi.

Seduta 69
12/12/2022

**ĊENTRU TAL-ARBITRAĠĠ – REĠISTRAZZJONI TA' ARBITRAĠĠI**

**4467. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-arbitraġġi li ġew reġistrati fl-aħħar għaxar snin fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ għadhom pendenti, kemm ġew deċiżi u kemm irtirati?

25/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor.Interpellant li minn Jannar 2013 sat-28 ta' Novembru 2022, ġew prezentati 3,138 każ fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ. Minn dawn il-kazijiet, 495 għadhom pendenti, 773 ġew irtirati u 1,870 ġew deċiżi.

Seduta 69
12/12/2022

**KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI – ITTRI UFFIĊJALI EŻEKUTTIVI**

**4468. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew preżentati ittri uffiċjali eżekuttivi matul din is-sena taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u jindika kemm kienu fil-Qrati Superjuri?

25/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor.Interpellant li n-numru ta' ittri uffiċjali eżekuttivi ppreżentati matul is-sena 2022 sad-29 ta' Novembru, huwa kif ġej:

| Qorti | 166A Qrati Inferjuri | 166A Qrati Superjuri |
|---|---|---|
| Malta | 2710 | 129 |
| Għawdex | 105 | 19 |

Seduta 69
12/12/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE 2016-2020 – NATIONAL HEALTH ICT INFRASTRUCTURE**

**4559. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li l-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete (2016-2020), fis-sezzjoni "Diabetes Information System" tirreferi għall-bżonn li jkun hemm "A high quality electronic health record for all patients with diabetes as part of the national health ICT infrastructure" u "The setting up of a call and recall system for setting appointments for eye and foot screening", jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex waslu dawn iż-żewġ inizjattivi?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa qed jiġi żvillupat il-program. Il-Kura tas-Saħħa Primarja qed taħdem bil-ħsieb li tintroduċi kunċett ta' servizz one-stop fl-istess jum fejn pazjent li jbati mill-kundizzjoni tad-dijabete jkun jista' jirċievi reviżjoni medika ħolistika minn tim immexxi minn multidixxiplinarju.

Seduta 69
12/12/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE 2016-2020 – INVESTMENT IN UPGRADING OF THE ORTHOTIC AND PROSTHETIC FACILITY**

**4560. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li l-Istrateġija Nazzjonali tad-Dijabete (2016-2020) (Pg 49) issemmi "Investment in upgrading of the orthotic and prosthetic facility will take place as part of the overall investment in the rehabilitation facility through a public-private partnership." u "Investment in training of human resources will also be addressed as a priority for the strengthening of the multi disciplinary team for diabetes.", jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal dan l-investiment?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Orthotics u l-Prosthetics Unit (OPU) kien wieħed mill-ewwel proġetti li għamlu Steward Health Care. It-tim tal-OPU jinteraġixxi ma' diversi professjonisti minn entitajiet tas-saħħa oħra permezz ta' tim multidixxiplinarju biex jipprovdi kura ħolistika lil-pazjent. Fl-2021, Steward Health Care Malta investiet f'software ġdida għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti fl-OPU. Il-personnel kollu huwa mħarreġ u ċċertifikat fil-qasam tal-kompetenza tiegħu

Seduta 69
12/12/2022

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE - PUBBLIKAZZJONI**

**4561. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, issa li għaddew kważi tliet snin mill-aħħar Strateġija Nazzjonali tad-Dijabete (2016-2020), fiex waslet l-istrateġija l-ġdida u meta se tiġi ppubblikata?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi huwa mistenni li l-istrateġija tiġi ffinalizzata u ppubblikata għal konsultazzjoni fl-2023.

Seduta 69
12/12/2022

**SPTAR MATER DEI – ANNUAL HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**4562. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-*Annual Hospital Activity Report* tal-Isptar Mater Dei mis-sena 2013 sas-sena 2021?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba minnu.

Seduta 69
12/12/2022

**SPTAR MATER DEI - CLINICAL PERFORMANCE UNIT ANNUAL REPORT**

**4563. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-*Clinical Performance Unit Annual Report* tal-Isptar Mater Dei mis-sena 2013 sas-sena 2021?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninformal lill-Onor. Interpellant illi dan ir-rapport qatt m'eżista.

Seduta 69
12/12/2022

**SPTAR MATER DEI - MONTHLY HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**4564. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-*Monthly Hospital Activity Report* tal-Isptar Mater Dei għal kull xahar tas-sena 2022?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**CALCIUM FLUID OUT OF STOCK**

**4660. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx xi hemm xi istanzi matul din is-sena fejn il-calcium fluid kien out of stock?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi il-"calcium fluid" mhuwiex fuq il-formolarju tal-Gvern.

Seduta 69
12/12/2022

**DIALYSIS WAQT IT-TWILIGHT SHIFT**

**4661. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għalfejn dialysis waqt it-twilight shift jingħata wkoll lil pazjenti li ma jaħdmux, meta jkun hemm pazjenti li jaħdmu li mhux qed ikun hemm availabilities għalihom f'dawn il-ħinijiet?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi il-pazjenti kollha li jaħdmu w jagħzlu li jiġu għad-dialysis waqt it-*Twilight*, qegħdin jiġu moqdija.

Seduta 69
12/12/2022

**RENAL UNIT – TAĦRIĠ LILL-INFERMIERA**

**4662. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega t-tip ta' taħriġ speċifiku li jingħataw infermiera li jidħlu jaħdmu fir-Renal Unit?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-infermiera li jibdew jaħdmu r-*Renal Unit* jingħataw taħrig vokazzjonali fir-*Renal Dialysis*

Seduta 69
12/12/2022

**RENAL UNIT - CRIT-LINE IV MONITORS DISPONIBBLI**

**4663. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm Crit-Line IV Monitors disponibbli fir-Renal Unit, u jgħid kemm minn dawn bħalissa huma bil-ħsara?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-disposable Blood Chamber li jintuża fil-Crit-Line m'għadux f'użu u fil-fatt qed tintuża sistema oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**TRAPJANTI GĦAL PAZJENTI MALTIN**

**4664. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega għalfejn is-sistema tas-Saħħa Maltija tibgħat diversi organi barra minn Malta għat-trapjanti, iżda l-pazjenti Maltin mhumiex eleġibbli għal trapjant tal-kliewi barra

minn Malta? Peress illi l-pazjenti għandhom ċans aħjar li jkollhom trapjant ta' suċċess jekk il-lista ta' donor pool ikun akbar, il-Gvern jikkunsidra jimporta organi minn barra?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi waqt illi xi organi ta donaturi Maltin jintbagħatu barra l-pajjiz , pazjenti Maltin jibbenefikaw minn trapjanti ta pajji¿i barranin peres li qegħdin fuq lista ta numru ta' pajjizi barranin għal organi speċifiki.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4720. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4721. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru ssemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tagħha, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'seduta oħra..

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4722. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-imsemmija ma ħadu l-ebda għajnuna mill-Ministeru jew l-entitajiet tiegħu.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4723. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4724. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onorevoli interpellant li ma ngħatat l-ebda għajnuna finanzjarja fir-rigward ta' dak minnu mistoqsi.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4725. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ebda entita' jew dipartiment fil-Ministeru tiegħi ma provda benefiċċji jew għajnuna finazjarja lil persuni jew kumpaniji msemmija separament mill-2013 sal-llum.

Seduta 69

12/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – SITI STORIĊI TAĦT IR-RESPONSABILITÀ TA' HERITAGE MALTA**

**4728. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema huma s-siti storiċi fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar li Heritage Malta għandha taħt ir-responsabilità tagħha? Liema minn dawn is-siti huma miftuħa għall-pubbliku? X'investiment sar f'kull wieħed minn dawn is-siti matul din is-sena? X'investiment hu mistenni li jsir f'dawn l-istess siti matul l-2023?

02/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li Heritage Malta m'għandhiex siti fir-responsabbiltà tagħha li jinsabu f'San Pawl il-Baħar.

Seduta 69
12/12/2022

**NAXXAR – SITI STORIĊI TAĦT IR-RESPONSABILITÀ TA' HERITAGE MALTA**

**4729. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema huma s-siti storiċi fil-limiti tan-Naxxar li Heritage Malta għandha taħt ir-responsabilità tagħha? Liema minn dawn is-siti huma miftuħa għall-pubbliku? X'investiment sar f'kull wieħed minn dawn is-siti matul din is-sena? X'investiment hu mistenni li jsir f'dawn l-istess siti, matul l-2023?

02/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-unika sit li tamministra Heritage Malta fl-inħawi tan-Naxxar huwa l-katakombi tas-Salini. Dawn jinfetħu għall-pubbliku b'appuntament.

Matul din is-sena sar tindif u manutenzjoni ġenerali, u sar 360 virtual tour li eventwalment se jkun viżibbli fuq il-website sabiex is-sit ikun aċċessibbli wkoll virtwalment.

Għas-sena d-dieħla se nkomplu bil-manutenzjoni regolari kif ukoll xogħlijiet oħrajn li jkunu bżonjużi.

Seduta 69
12/12/2022

**MELLIEĦA – SITI STORIĊI TAĦT IR-RESPONSABILITÀ TA' HERITAGE MALTA**

**4730. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema huma s-siti storiċi fil-limiti tal-Mellieħa li Heritage Malta għandha taħt ir-responsabilità tagħha? Liema minn dawn is-siti huma miftuħa għall-pubbliku? X'investiment sar f'kull wieħed minn dawn is-siti matul din is-sena? X'investiment hu mistenni li jsir f'dawn l-istess siti, matul l-2023?

02/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li Heritage Malta m'għandhiex siti fir-responsabbiltà tagħha li jinsabu l-Mellieħa.

Seduta 69

12/12/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**4733. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3257, jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-kopja tal-beach concessions fil-bajjiet ta' Kemmuna li tlabt biex titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra hija ta' natura kummerċjali sensittiva?

02/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tista' tippreġudika l-interessi kummerċjali tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Madanakollu, l-Onor. Interpellanta se tingħata l-opportunità li tara hi personalment id-dokumenti mitluba.

Seduta 69
12/12/2022

**TRANSFER OF RESIDENCE EXEMPTION (TORE) BOARD - MEMBRI**

**4742. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tat-Transfer of Residence Exemption (TORE) Board, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| **Isem** | **Kariga** | **Id-data tal-ewwel appuntament** |
|---|---|---|
| Is-Sur Michael Zammit Munro | Chairman | 17 ta' Lulju 2020 |
| Is-Sur Martin Spiteri | Membru | 1 ta' Jannar 2017 |
| Is-Sa Shirley Spina | Membru | 1 ta' Jannar 2017 |

Seduta 69
12/12/2022

**RETAIL PRICE INDEX ADVISORY COMMITTEE (MSA) - MEMBRI**

**4743. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tar-Retail Price Index Advisory Committee (MSA), x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija skont it-tabella hawn taħt.

| **Isem** | **Kariga** | **Il-data tal-ewwel appuntament** |
|---|---|---|
| Dr. Carl Camilleri | Chairperson | 14 ta' Lulju 2022 |
| Is-Sur Etienne Caruana | Membru | *Ex-officio* |
| Is-Sur Alfred Camilleri | Membru | 29 ta' Awwissu 2013 |
| Is-Sa Marisa Xuereb | Membru | 14 ta' Lulju 2022 |
| Dr. Mario Brincat | Membru | 13 ta' Novembru 2017 |

| | | |
|---|---|---|
| Prof. Rose Marie Azzopardi | Membru | 29 ta' Awwissu 2013 |
| Prof. Philip von Brocdorff | Membru | 6 ta' Ġunju 2016 |
| Is-Sa Abigail Mamo | Membru | 6 ta' Ġunju 2016 |

Seduta 69
12/12/2022

**MALTA STOCK EXCHANGE – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**4744. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Malta Stock Exchange, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| **Bord tad-Diretturi Malta Stock Exchange** | **Kariga** | **Kemm ilhom membri ta' dan il-Bord** |
|---|---|---|
| **Mr Joseph Portelli** | Chairman | 21 ta' April 2015 |
| **Prof. Joseph Falzon** | Direttur | 21 ta' April 2015 |
| **Mr Steven Tedesco** | Direttur | 21 ta' April 2015 |
| **Dr Stephanie Fabri** | Direttur | 16 ta' Novembru 2021 |
| **Mr Michael Parnis** | Direttur | 1 ta' Mejju 2022 |
| **Mr Maurice Gruppetta** | Direttur | 2 ta' Gunju 2022 |

Seduta 69
12/12/2022

**NATIONAL EMPLOYMENT AUTHORITY – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**4745. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tan-National Employment Authority, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 69
12/12/2022

**MALITA INVESTMENT COMPANY – MEMBRI TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**4746. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-Malita Investment Company, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| Isem | Kariga | Id-data tal-ewwel appuntament |
|---|---|---|
| Is-Sa Marlene Mizzi | Chairperson | 22 ta' Ġunju 2022 |
| Is-Sur Victor Carachi | Direttur | 22 ta' April 2021 |
| Is-Sur Eric Schembri | Direttur | 1 ta' Awwissu 2014 |
| Is-Sur Miguel Borg | Direttur | 22 ta' Ġunju 2022 |
| Is-Sa Tania Brown | Direttur | 22 ta' April 2021 |

Seduta 69
12/12/2022

**OIL EXPLORATION COMMITTEE – MEMBRI TAL-BORD**

**4747. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Oil Exploration Committee, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Oil Exploration Committee ma ġiex imwaqqaf u ilu ma jkun imwaqqaf għal snin twal. Għalhekk m'hemmx membri fuq dan il-Bord.

Seduta 69
12/12/2022

**IŻ-ŻURRIEQ – PAJPIJIET TAL-CULVERT MIKXUFA**

**4750. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4432, jista' l-Ministru jara li fejn diġà tpoġġew il-pajpijiet tal-culvert u ġiet mirduma t-trinka u l-wiċċ ingħata saff ta' konkos fiż-Żurrieq, issa jingħata t-tarmak biex ma jkomplix joħloq inkonvenjent lil dawk kollha li jużaw dawn it-toroq, kif ukoll lir-residenti ta' dawn it-toroq, speċjalment issa li beda l-istaġun tax-xitwa u bix-xita dan il-konkos jista' jinqala'?

05/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li skont il-prattika, it-tarmak jingħata wara li jinbnew il-kaxxi li jiġbru l-ilma tax-xita. Għaldaqstant, ix-xogħol ta' tarmak mistenni li jibda lejn l-aħħar ta' Jannar 2023.

Seduta 69
12/12/2022

**BUDGET GĦAR-REKLAMAR TA' PRODOTT LOKALI**

**4751. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 819, 2985 u 4430, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-baġit għat-tieni nofs ta' din is-sena f'dak li għandu x'jaqsam ma' reklamar tal-prodott lokali?

05/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li s-somma totali għar-reklamar tal-prodott lokali huwa stmat li jammonta għal €202,827.72.

Seduta 69
12/12/2022

**FOOD SAFETY COMMISSION - BORD**

**4752. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2987 u 4429, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Awwissu 2022 li fuqha hemm kif inhu kompost il-Bord Food Safety Commission?

05/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Bord Food Safety Commission hu kompost minn Chairperson u 10 membri.

Seduta 69
12/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – BERĠA TAS-SAĦĦA**

**4753. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 2992 u 4425, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se tinfetaħ berġa fil-lokalità ta' Birżebbuġa u fejn hi proposta li ssir, għax kemm fir-risposta tiegħu għall-mistoqsija parlamentari 2911 li għamel referenza għaliha f'din il-mistoqsija parlamentari, kif ukoll fit-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2992 u 4435 ma ta l-ebda indikazzjoni meta l-Berġa fil-lokalità ta' Birżebbuġa ser tiġi miftuħa?

05/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tender għal kiri ta' sit għal-Klinika komunitarja għas-Saħħa f'B'Bugia kienet ippubblikata fit -02 ta' Diċembru u tagħlaq fil-05 ta' Jannar.

Seduta 69
12/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – TOROQ – STREET LIGHTNING MAQTUGĦ**

**4754. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li residenti ta' Birżebbuġa li joqogħdu fl-area Tal-Papa li tinkludi Triq is-Sebħ, Triq il-Gandoffla, Triq tal-Papa, Triq il-Gawwi u Triq iċ-Ċief kif ukoll Triq Alessandru, Misraħ Hamilkar Barka, Triq San Filippu u Triq it-Tħabrik ilhom bl-i'street lighting' maqtugħ għal dawn l-aħħar tlett ijiem? Meta ser isiru t-tiswijiet neċessarji biex jinqata' l-inkonvenjent li qed isofru r-residenti ta' dawn it-toroq?

05/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 4511 u 4453.

Seduta 69
12/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – TOROQ – STREET LIGHTING MAQTUGĦ**

**4755. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li residenti ta' Birżebbuġa li joqogħdu fl-area Tal-Papa li tinkludi Triq is-Sebħ, Triq il-Gandoffla, Triq tal-Papa, Triq il-Gawwi u Triq iċ-Ċief kif ukoll Triq Alessandru, Misraħ Hamilkar Barka, Triq San Filippu u Triq it-Tħabrik ilhom bl-i'street lighting' maqtugħ għal dawn l-aħħar tlett ijiem? Meta ser isiru t-tiswijiet neċessarji biex jinqata’ l-inkonvenjent li qed isofru r-residenti ta' dawn it-toroq?

05/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li l-Kunsill Lokali mhux responsabbli mit-tiswijiet tal-provvistà tad-dawl tat-toroq. Madankollu infurmat illi l-istess Kunsill Lokali baghat diversi komuniki lill-entità kkonċernata dwar dan sabiex tiġi rranġata l-problema inkwistjoni. Ghalhekk, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex għall-aktar informazzjoni jirreferi għall-Ministeru kkonċernat.

Seduta 69
12/12/2022

**DEPUTAT KUMMISSARJU TAL-KORP TAL-PULIZIJA – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL KARIGA**

**4765. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-kariga ta' Deputat Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija sa meta għalqet is-sejħa għall-applikazzjonijiet nhar il-25 ta' Novembru 2022?

05/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm applikazzjoni waħda għall-kariga ta’ Deputat Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija imsemmija mill-Onorevoli Membru, li sussegwentament ġiet iritrata.

Seduta 69
12/12/2022

**SKOLA SAN MIGUEL – PIXXINA – MANUTENZJONI**

**4768. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pixxina fl-Iskola San Miguel hijiex bil-ħsara? Jekk iva, jista’ jgħid meta se tkun qed tingħata l-manutenzjoni meħtieġa sabiex tibda tintuża mit-tfal li jattendu fl-iskola in partikolari?

05/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f’seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**PULIZIJA – ŻIEDA GĦAL DAWK LI JAQBŻU D-29 SENA SERVIZZ**

**4769. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kif se taħdem iż-żieda għal dawk il-pulizija li jaqbżu d-disgħa u għoxrin (29) sena ta' servizz?

05/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Onorevoli Interpellant huwa skorrett li jindika li din il-miżura ser tkun tapplika għal-Korp tal-Pulizija biss. Dan għaliex il-Budget preżentat għas-sena 2023 jgħid ċar li din il-miżura tapplika għal Korpi dixxiplinati kollha.

Il-Gvern iddeċieda li jibda jwettaq il-wegħdi fil-manifest elettorali tiegħu immedjatament permezz tal-ewwel budget ta’ din il-leġislatura. Għaldaqstant fi żmien li ġej ser ikunu mħabbra d-dettalji ta’ din l-inizjattiva li ser tkun implimentata mis-sena 2023.

Seduta 69
12/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ IL-PORT ĦIELES - TRAFFIC ISLANDS**

**4772. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jelenka jekk fi Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa (in-naħa tal-Freeport) hux se jsiru traffic islands fil-junction ma' Triq il-Girgħien, jew jekk hux ser isiru traffic calming measures u fiex se jkunu jikkonsistu?

06/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI - PURTINAR/A U CLEANERS**

**4773. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il purtinar/a, cleaners u/jew persuni li jagħmlu l-istess xogħol, huma impjegati mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u kemm huma impjegati tal-Kuntrattur/i imma li qed jaħdmu għad-Dipartiment tal-Edukazzjoni?

06/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 69
12/12/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - CEO**

**4774. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jelenka l-kwalifiċi, akkademiċi u mhumiex, u l-esperjenza tal-persuna, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, li għadu kif inħatar CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar, għandu fl-ippjanar u/jew fl-Awtorità tal-Ippjanar u/jew f'pożizzjoni maniġerjali għolja u/jew fil-governanza korporattiva? Jista' jgħid kif dawn il-kwalifiċi u l-esperjenza ser iwasslu sabiex din il-persuna tibni kunsens u relazzjonijiet fost l-eżekuttivi, l-imsieħba, u l-ħaddiema, forza tax-xogħol u tkun kapaċi li tifhem kwistjonijiet ġodda malajr u tieħu deċiżjonijiet għaqlin, tispira u toħloq fiduċja fl-awtorità u li taħdem taħt pressjoni, tippjana xogħol personali b'mod effettiv u tiddelega?

06/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onorevoli interpellant illi l-persuna maħtura bħala chairman eżekuttiv ilha mpjegata tal-Awtorità sa mis-sena 2002. Ħadem f'diversi oqsma marbuta mal-Ippjanar fl-istess Awtorità u b'hekk kiseb esperjenza estensiva kemm fir-rigward tal-aspetti amministrattivi, legali u ta' infurzar marbuta mal-mansjonijiet ta' din l-Awtorità.

Seduta 69
12/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – KUNSILL LOKALI - XOGĦLIJIET**

**4775. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni/upgrade/rinnovar, fejn u meta, li saru mill-Kunsill Lokali Birżebbuġa mill-2019 sa meta qed titwieġeb din il-mistoqsija f'ġonna pubbliċi fil-lokalità?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 69
12/12/2022

**ŻURRIEQ- KUNSILL LOKALI - XOGĦLIJIET**

**4776. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni/upgrade/rinnovar, fejn u meta, li saru mill-Kunsill Lokali Żurrieq mill-2019 sa meta qed titwieġeb din il-mistoqsija, f'ġonna pubbliċi fil-lokalità?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **2022** | | | |
|---|---|---|---|
| **Month** | **Description** | **Location** | **Expenditure** |
| July | Hard foam - playing equipment | Ġnien il-Ġibjun | €64.90 |
| July | Repairs - railing | Ġnien il-Ġibjun | €135.70 |
| May | Repairs - sensor @ public convenience | Ġnien il-Ġibjun | €170.00 |
| June | Light sensors | Ġnien il-Ġibjun | €1,587.00 |
| July | Fountain - maintenance | Ġnien il-ġibjun | €1,300.00 |
| July | Lights - maintenance | Ġnien il-Bennej | €850.00 |
| May | Sensor, led bulbs, Main switch, padlock | Ġnien il-Ġibjun | €1,587.00 |
| | | | |
| **2021** | | | |
| **Month** | **Description** | **Location** | **Expenditure** |
| November | Irrigation pump | Ġnien il -Ġibjun | 620.00 |
| July | Irrigation pump | Ġnien il -Ġibjun | 165.00 |
| august | Pull of bin | Ġnien il-Bennej | 18.88 |
| October | Playing equipment (maintenance) | Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq | 100.30 |
| October | Swing seat | Ġnien il-Ġibjun | 264.32 |
| June | Playing equipment | Ġnien il-Bennej | 2330.00 |
| November | Swing seat | Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq | 256.41 |
| November | Swing chain | Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq | 112.86 |
| | | | |
| **2020** | | | |
| **Month** | **Description** | **Location** | **Expenditure** |
| October | Fountain (maintenance) | Ġnien il-Ġibjun | €1,475.00 |
| November | Irrigation pump | Ġnien il-Ġibjun | €810.00 |
| December | Fountain (maintenance) | Ġnien il-Ġibjun | €540.00 |
| September | Spring play (maintenance) | Ġnien l-Emigranti | €123.23 |
| August | Swing chain (maintenance) | Ġnien l-Emigranti | €56.43 |
| August | Painting of name and logo of Zurrieq | Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa | €259.60 |
| August | Delineators with reflectors | Ġnien il-Ġibjun | €173.46 |
| February | Merry go round | Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq | €650.00 |
| April | Swing seat (maintenance) | Ġnien l-Emigranti | €56.64 |
| April | Merry go round seat | Ġnien l-Emigranti | €212.40 |
| January | Sign - no dogs, no bicycles, no balls | Ġnien il-Bennej | €27.44 |
| January | CCTV sign | Ġnien il-Bennej | €27.44 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| January | Sign - no dogs, no bicycles, no balls | Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq | €55.46 |
| January | No smoking sign | Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq | €54.87 |
| | | | |
| **2019** | | | |
| **Month** | **Description** | **Location** | **Expenditure** |
| May | Lights (maintenance) | Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa | €826.00 |
| November | Electrical fittings | Ġnien il-Ġibjun | €4,403.00 |
| August | Electrical fittings | Ġnien il-Bronja | €790.00 |
| April | Electrical fittings | Ġnien il-Ġibjun | €2,333.00 |
| December | Handle - playing equipment | Ġnien il-Bennej | €83.31 |
| December | Chain - playing equipment | Ġnien il-Ġibjun | €159.30 |
| December | Swing seat | Ġnien Mario Schembri | €680.00 |
| December | Railing - repairs | Ġnien il-Bennej | €70.80 |
| December | Repairs - playing equipment | Ġnien il-Bennej | €128.00 |

Seduta 69
12/12/2022

**MQABBA – KUNSILL LOKALI - XOGĦLIJIET**

**4777. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni/upgrade/rinnovar, fejn u meta, li saru mill-Kunsill Lokali Mqabba mill-2019 sa meta qed titwieġeb din il-mistoqsija f'ġonna pubbliċi fil-lokalità?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba li filwaqt li x-xogħlijiet imsemmija mill-Onor. Interpellant isiru skont il-ħtieġa, fuq bażi regolari, xogħol notevoli ta' upgradingsar fil-bidu tal-2020 ġewwa Ġnien Tfal ir-Raħal fejn il-ħitan tkaħħlu u nżebgħu mill-ġdid kif ukoll ġew installati 3 biċċiet ta'Outdoor Gym.

Infurmat ukoll li sar żbir tas-siġar taż-żebbuġ li hemm ġewwa l-istess ġnien kif ukoll tħawlu xi arbuxelli u l-bankijiet inżebgħu mill-ġdid.

Seduta 69
12/12/2022

**RABAT, MALTA – TAĊ-ĊGĦAKI – SKOLA PRIMARJA "B"**

**4786. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkun lest ix-xogħol fl-Iskola Primarja 'B' f' Taċ-Ċgħaki, ir-Rabat, Malta?

06/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**WIED LI JWASSAL MILL-GIRGENTI SAS-SIĠĠIEWI - TINDIF**

**4787. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex possibbli li jitnaddaf il-wied li jwassal mill-Girgenti sas-Siġġiewi minħabba li qiegħed iżomm mill-ilma biex ikun jista' jiskula a detriment tal-infrastruttura tal-inħawi kif ukoll isir it-tindif biex wieħed ikollu aċċess biex ikun jista' jgħaddi minnu?

06/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Parks Malta twettaq tindif, fuq bażi regolari, ta' skart li jakkumula f 'dan il-wied. Sar ukoll tħammil ta'materjal u qlugħ ta' qasab fuq il-parti ta' fuq t'Għajn il-Kbira (taħt il-Palazz tal-Girgenti) kif ukoll f'parti oħra minn Għajn il-Kbira (f'parti minn mat-triq). Dan ix-xogħol sar biex jiġi kkontrollat il-qasab li huwa speċi invażivi u biex tiżdied il-ħażna tal-ilma tax-xita. Dan l-ilma jkun jista' jintuża' mill-bdiewa tal-madwar u jikkontribwixxi għall-ilma tal-pjan.

It-tindif tal-Widien huwa ta' prijorità għall-Parks Malta u din is-sena waqt il-Kampanja ta' Tindif inġabru 1800 tunellata ta' skart. Meta kkumparat mas-sena 2021 l-ammont ta' skart miġbur matul din is-sena huwa aktar minn doppju. Hekk kif kien imwiegħed dawn it-tunellati ta' skart ser jissarfu f'tħawwil ta' siġar.

Seduta 69
12/12/2022

**RABAT – TRIQ BORG OLIVIER – ZEBRA CROSSING**

**4789. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Malta, dwar iż-zebra crossing fi Triq Borg Olivier (Buschetto Road), approvata li ssir minn Transport Malta aktar minn sena ilu?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 69
12/12/2022

**GĦAWDEX – ANZJANI U PERSUNI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI LI APPLIKAW GĦAS-SERVIZZ TA' HOME HELP**

**4790. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, f'dawn l-aħħar ħames snin kemm kien hemm anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali Għawdxin li applikaw għas-servizz ta' Home Help fid-djar residenzjali tagħhom, imma ma ngħatawx dan is-servizz?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 69
12/12/2022

**SOCIAL ASSISTANTS – SERVIZZI TA' HOME HELP**

**4791. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jelenka s-servizzi kollha li jingħataw mis-social assistants li huma ngaġġati mal-kuntrattur li jagħti s-servizz tal-Home Help?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-deskrizzjoni tax-xogħol tas-Social Assistants fejn hemm deskritt is-servizzi kollha li jingħataw mis-social assistants li huma ingaġġati mal-kuntrattur li jagħti s-servizz tal-Home Help tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 69
12/12/2022

**SOCIAL ASSISTANTS**

**4792. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu fil-preżent l-ammont ta' social assistants ingaġġati mal-kuntrattur li jagħti s-servizz tal-Home Help? Jista' jgħid kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma Għawdxin u kemm minnhom huma barranin?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-preżent hemm total ta' 105 Social Assistants ingaġġati mal-kuntrattur.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – SOCIAL ASSISTANTS**

**4793. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu fil-preżent l-ammont ta' social assistants ingaġġati mal-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel? Jista' jgħid kemm minnhom huma Għawdxin u jgħid ukoll jekk hemmx xi barranin?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-preżent hemm total ta' 19.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – HELPERS/SOCIAL ASSISTANTS**

**4794. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena u xahar b'xahar, minn Jannar, 2017 sal-lum kemm kien hemm helpers/social assistants jaħdmu f'Għawdex impjegati mal-Ministeru għal Għawdex li kienu jaħdmu f'post partikolari, iżda telqu? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' xogħol ġdid qed jagħmlu llum?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tispeċifika l-mistoqsija tagħha.

Seduta 69
12/12/2022

**GĦAWDEX – DAR SAN ĠUŻEPP - SPEJJEŻ**

**4795. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 4678 dwar kemm intefqu flus s'issa fuq Dar San Ġużepp, jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus fuq din id-dar fis-snin 2021 u 2022 sal-lum? Peress illi skont il-mistoqsija parlamentari 15524 sas-

sena 2018 kienu ħarġu €3,399,152.60 u skont il-mistoqsija parlamentari 6085, fis-sena 2019 u fis-sena 2020 kienu ntefqu €24,460, jista' l-Ministru jikkonferma kemm hi s-somma globali sal-lum?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għall-mistoqsija parlamentari 4678.

Seduta 69
12/12/2022

**KLINIĊI MEDIĊI**

**4802. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jikkonferma kemm hemm applikazzjonijiet pendenti biex jinbnew kliniċi mediċi ġewwa Malta u Għawdex tul l-aħħar sena u nofs?

06/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 4802, ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar għandha pendenti quddiema sitt applikazzjonijiet, kkonfermata bħala applikazzjoni kompluta mill-1 ta' Ġunju 2021 sas-7 ta' Diċembru 2022, li tirrigwarda bini ta' kliniċi mediċi ġewwa Malta u Għawdex.

Seduta 69
12/12/2022

**PAZJENTI LI NTALBU XI FORMA TA' ĦLAS GĦAL SERVIZZI FL-ISPTARIJIET TAL-ISTAT**

**4804. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra, sena b'sena għas-snin 2019, 2020 u 2021, kemm kien hemm pazjenti li ntalbu xi forma ta' ħlas għas-servizzi li ngħataw fl-isptarijiet tal-istat? X'kienet in-nazzjonalità tagħhom? Kemm kien l-ammont globali mitlub għal kull sena? X'kien il-perċentwal ta' dawn il-fatturi li ġew imħallsin?

06/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 69
12/12/2022

**RAĦAL ĠDID – ĊENTRU TAS-SAĦĦA ĠDID**

**4805. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal iċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid li qed jinbena f'Raħal Ġdid (ex Pace Grasso Ground)? Meta hu ppjanat li se jkun lest u jinfetaħ għall-pubbliku?

06/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 3485.

Seduta 69
12/12/2022

**RAĦAL ĠDID – ĊENTRU TAS-SAĦĦA ĠDID - SERVIZZI**

**4806. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra x'servizzi se jkun qed joffri ċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid f'Raħal Ġdid? Jista' jikkonferma jekk hux se jkun hemm Renal Unit sabiex il-pazjenti min-naħa t'isfel ta' Malta jkunu jistgħu jagħlu użu minn dan iċ-ċentru?

06/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid Ċensu Moran, f'Raħal Ġdid ser joffri s-servizzi kollha offruti bħalissa fil-poliklinika ta' Raħal Ġdid u barra minn hekk huwa ppjanat li jkun hemm servizz ta' dipartiment ta' emerġenza 24 siegħa u dipartiment ta' X-ray 24 siegħa. Se jkun hemm 2 teatri tal-operazzjoni fejn huwa ppjanat li jsiru operazzjonijiet minuri taħt anestesija lokali kif ukoll proċeduri Ophthalmic u Endoscopy . Paola Hub se joffri wkoll faċilitajiet ta' Ultrasound, Echocardiogram, ECG kif ukoll stress ECG. Se jkun hemm ukoll laboratorju f'Paola Hub.

Seduta 69
12/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**4807. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1417 dwar bozoz f'Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru taċċerta li d-dawl pubbliku kollu li hemm fiż-żona ta' Dawret in-Nawfraġju, inkluż iż-żona tal-boathouses, qiegħed jaħdem kif suppost u li l-bozoz kollha, inkluż dawk fuq arbli, (inkluż il-bozza fuq l-arblu li r-ritratt tiegħu qed jintbagħat separatament) ikunu mixgħula bħall-bqija tat-toroq fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, dan hekk kif din l-istess bozza fir-ritratt reġgħet tinsab mitfija? F'każ li hemm xi bozza/bozoz jew arblu/arbli li l-bozoz tagħhom mhux jixegħlu, x'inhi r-raġuni għal dan u meta hu mistenni li dan id-dawl jerġa' jixgħel? Billi hemm ħtieġa ta' iktar dawl fiż-żona, kif se jiġi assigurat li dan id-dawl jiġi installat u jixgħel minħabba d-dlam li wieħed isib f'din iż-żona?

06/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li d-dawl kollu li jaqa' taħt responsabiltà tal-Enemalta f'Dawret in-Nawfraġju qiegħed jaħdem wara li saru t-tiswijiet meħtieġa. Kawża tal-maltemp żviluppat ħsara fil-linja prinċipali li tagħti l-provvista lil dawn il-lampi. Din il-linja issewwiet nhar it-8 ta' Diċembru 2022.

Dwar il-lampa indikat b'ritratt mibgħut separatament ma din il-mistoqsija, ninforma lill-Onor. membru li din mhix tal-Enemalta u kienet imqabbda b'mod irregolari. Għaldaqstant trid issir applikazzjoni ma l-ARMS biex tiġi regolarizzata. Rigward biex jiżdiedu l-bozoz hemm proċedura u trid issir applikazzjoni mill-Kunsill Lokali ma' l-ARMS.

Seduta 69
12/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**4808. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1418 dwar bozoz f'Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-

Baħar, jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni se tittieħed mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar dwar il-ħtieġa ta' iktar dawl fiż-żona minħabba d-dlam li wieħed isib f'din iż-żona, hekk kif din is-sitwazzjoni kellha tiġi evalwata mill-istess kunsill lokali skont it-tweġiba għall-istess mistoqsija parlamentari?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi wara evalwazzjoni li saret fuq il-post minn persuni tekniċi nstab li mhux faċli li jiġu installati bozoz ġodda fl-akkwati aktar minn dawk li ġew installati fl-aħħar żmien mill-istess Kunsill u dan minħabba li taħt it-triq u l-bankina eżistenti hemm il-'boat houses'.

Seduta 69
12/12/2022

**QAWRA - SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ IL-FREJGATINA U TRIQ PORZJUNKOLA – DAWL PUBBLIKU**

**4809. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru taċċerta li d-dawl pubbliku kollu li hemm fil-pjazzetta bejn Triq il-Frejgatina u Triq Porzjunkola, Qawra, San Pawl il-Baħar (fiż-żona tal-housing estate) qiegħed jaħdem kif suppost u li l-bozoz kollha jkunu mixgħulin? F'każ li hemm xi bozza/bozoz mhux jixegħlu, tista' tgħid x'inhi r-raġuni għal dan u meta hu mistenni li dan id-dawl jerġa' jinxtegħel?

06/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta investigat dan il-każ. Fiż-żona indikata l-maġġoranza tal-lampi huma fir-responsabiltà tal-kunsill lokali u allura t-tiswija trid issir mill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali. L-Enemalta tikkonferma li f'din iż-żona għandha rapport wieħed li hemm lampa mitfija u li ser tiġi irranġata fil-ġranet li ġejjin.

Seduta 69
12/12/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – SISTEMA TA' REMOTE WORKING**

**4826. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux biħsiebu jwaqqaf is-sistema tar-remote working użata mill-ħaddiema li jaqgħu/jaħdmu fi ħdan id-dekasteru tiegħu? Jekk iva, għaliex u kif? Ma jħossx il-Ministru li din mhijiex miżura li hija kompatibbli mal-konċett ta' family friendly measures?

06/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 69
12/12/2022

**KLINIĊI MEDIĊI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦALL-ESTENZJONIJIET**

**4827. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti biex isiru estensjonijiet fuq kliniċi mediċi ġewwa Malta u Għawdex tul l-aħħar sena u nofs?

06/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 4827, ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar ma għandha l-ebda applikazzjoni li ġiet kkonfermata bħala applikazzjoni kompluta mill-1 ta' Ġunju 2021 sas-7 ta' Diċembru 2022 li tirrigwarda żidiet ma' klinika medika u li għadha pendenti.

Seduta 69
12/12/2022

**SKEMA GRANT TO ASSIST OWNERS**

**4830. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4582 u jikkonferma x'inhi l-policy f'każ ta' koppja li tapplika għal Grant to Assist Owners in the Construction and/or Completion or Rehabilitaton of their First Home (rifużjoni lura tal-VAT fl-ispejjeż ta' kostruzzjoni u rijabilitazzjoni fuq l-ewwel proprjetà), fejn parti waħda mill-koppja tkun diġà sid ta' proprjetà oħra preċedenti iżda din tkun l-ewwel proprjetà tal-parti l-oħra? Huwa l-każ li f'ċirkostanzi bħal dawn, il-parti li għaliha din tkun l-ewwel proprjetà ma tkun tista' tgawdi qatt minn dan il-grant?

07/12/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellantli f'dawn il-każijiet tingħata l-għotja skont il-kundizzjoniijiet tal-iskema iżda jitnaqqas l-ammont mogħti fuq il-proprjetà preċedenti. Ma tingħata l-ebda għotja jekk il-koppja tkun għexet flimkien fl-ewwel proprjetà mixtrija.

Seduta 69
12/12/2022

**PJAN TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PORT**

**4831. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2054, 3730, 4034, 4251 u 4608 u jgħid kemm sewa l-pjan kbir ta' Riġenerazzjoni tal-Port? Jista' jagħti l-istudji li ntużaw?

07/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**GUDJA – ĠNIEN ĠLORMU CASSAR – METER TEMPORANJU TAD-DAWL**

**4835. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4316, li kkonfermat li l-applikazzjoni għal meter temporanju fi Ġnien Ġlormu Cassar, il-Gudja, saret mill-Ministeru għat-Turiżmu, jista' l-Ministru jgħid meta hemm ħsieb li ssir applikazzjoni biex dan il-meter jinbidel b'wieħed permanenti? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi problemi b'dan il-meter peress li qed ikun hemm ħafna ljieli fejn il-ġnien ikun bla dawl?

07/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-meter permanenti twaħħal il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru, ċjoè ħamest ijiem qabel saret il-mistoqsija parlamentari.

Seduta 69
12/12/2022

**PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA – TAĦRIĠ DWAR IL-FIBROMYALGIA U L-ME**

**4839. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4732, li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u li issa ġiet riferuta lilu, u ċjoè: Ibbażat fuq l-Art. 26 tal-UNCRPD, jista' l-Ministru jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex jiżgura li l-professjonisti tas-saħħa tagħna, ir-rewmatisti u n-newroloġisti qed ikomplu t-taħriġ u l-edukazzjoni tagħhom dwar il-Fibromyalgia u l-ME? Kemm qed jinvesti l-istat f'taħriġ kontinwu lill-professjonisti kollha fuq mard debilitanti bħal dan, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fil-komunità?

07/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022

**SKEJJEL TAL-KNISJA – LABORATORY TECHNICIANS - PROMOZZJONIJIET**

**4840. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx diskussjonijiet biex il-Laboratory Technicians fl-iskejjel tal-Knisja jingħataw il-promotions ta' ATO, TO, STO U PTO, bħall-iskejjel tal-Gvern? Jekk iva, fiex waslu dawn id-diskussjonijiet?

07/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 69
12/12/2022